# KSU LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2019

**Data: 3 Ta' April, 2019**

**Post: Sala Sir Temi Zammit – Universita' ta' Malta**

**Ħin: 11:30 am**

---

**11:51 am**

Il-bibien jingħalqu.

Skond il-proċedura tal-Laqgħa hekk deskritt f'Artiklu 11 tal-Istatut tal-KSU, hekk approvat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2018, William Farrugia, Segretarju Ġenerali tal-KSU jilqa' lill dawk preżenti għal-Laqgħa Annwali u jitlob biex jingħalqu l-bibien u li fi żmien ħames minuti l-Laqgħa Ġenerali kienet ser tibda.

Nies fis-sala sitta u erbgħin (46), għalhekk is-Segretarju Ġenerali jispjega li minħabba li l-kworum kien għadu ma ntlaħaqx, ser jerġgħu jinfetħu l-bibien. Il-laqgħa titmexxa bi tletin (30) minuta sakemm jintlaħaq il-kworum.

Il-bibien jinfetħu u jerġgħu jibdew deħlin l-istudenti.

**12:21 pm**

Is-Segretarju Ġenerali jitlob li jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fis-sala huwa ta' mija u ħamsin (153). Skond l-Artiklu 11 il-kworum intlaħaq u għalhekk il-bibien jinfetħu u tibda' l-Laqgħa Ġenerali Annwali 2019.

Is-Segretarju Ġenerali William Farrugia, jinforma lill-membri preżenti li għal-fini ta' trasparenza, l-Uffiċjal għal-Kultura u Divertiment, is-Sur Matthew John Dougall u s-Sinjorina Petra Grech, Kummissarju għal-Uffiċju Politika Soċjali, ma kienux għadhom studenti fl-Universita' ta'Malta u b'hekk m'għandhomx id-dritt tal-vot waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Ukoll li m'għandhomx dritt jivvutaw huma s-Sinjura Daniela Fitzpatrick, Segretarja fi ħdan il-KSU, u l-Fotografu preżenti s-Sur JP Formosa.

Is-Segretarju Ġenerali jsejjaħ għal-ħatra tat-'Tellers'. Huwa jipproponi tnejn (2) għal kull ringiela tal-genb u tan nofs. Sitt (6) 'Tellers' b'kollox.

L-istudenti maħtura huma dawn li ġejjin:

Beppe Darmanin, Andrew Camilleri, Frederick Aquilina, Ian Calafato, Kristina Vella u Edward Degabriele. Dawn gew nominati minn Jake Scerri Seychell u sekondati minn Keith Grima.

Ma jsiru l-ebda aktar nominazzjonijiet allura t-'Tellers' jiġu maħtura u jieħdu posthom.

## ĦATRA TAS-SEDJA

Is-Sur William Farrugia, Segretarju Ġeneral jipproponi u jiġi sekondat minn Carla Galea, President fi ħdan il-Kunsill lis-Sur Michael Piccinino.

Ħadd aktar ma jiġi nominat. Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fil-kamra huwa mija tlieta u ħamsin (153). Jittieħed il-vot:

**Voti Kontra:** **0**

**Astenzjonijiet:15**

**Voti Favur:** **138**

Is-Sedja tiġi maħtura. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja Michael Piccinino jirringrazzja lill-President u l-Membri tal-KSU u dawk kollha preżenti li ġew illum biex ikunu parti minn dan l-ogħla organu tal-Kunsill. Is-Sedja tħeġġeġ lis-studenti biex id-diskussjoni tkun waħda matura, hekk kif meħtieġ mill-ogħla istituzzjoni tal-istudenti, u li huwa importanti li meta niġu biex jingħata vot, il-vot li jingħata jkun ċar.

Is-Sedja tinforma lil dawk preżenti li fis-sala hemm preżenti wkoll rapprezentanti mill-midja. Dawn huma 'The Third Eye', 'Insite Malta' u 'The Yuppie'. Is-Sedja tixtieq tavża lill-midja u lill-fotografu preżenti li ma jieħdux ritratti f'mumenti ta' voti u lanqas jippublikaw kif ivvutaw membri fis-sala.

Is-Sedja tispjega li la ma kien hemm l-ebda oġġeżżjoni għall-preżenża tal-membri tal-midja, allura l-Laqgħa Ġenerali hija uffiċjalment miftuħa.

## APPROVAZZJONI TAL-AĠENDA

Is-Sedja ssejjaħ biex jingħalqu l-bibien. L-Aġenda tiġi mtella' fuq l-iskrin preżenti u tiġi moqrija mis-Sedja. Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fil-kamra huwa mija tlieta u ħamsin (153). Jittieħed il-vot:

**Voti Kontra:** **0**

**Astenzzjonijiet:** **15**

**Voti Favur:** **138**

L-Aġenda tiġi approvata u jinfetħu l-bibien.

## MINUTI: RAPPORT TAL-MINUTI U APPROVAZZJONI

Is-Sedja jispjega li l-minuti mhux ser jinqraw u li jinstabu fuq il-Website tal-KSU.

Is-Sedja jikkwota l-Istatut tal-KSU, Appendiċi: Taqsima 4, Punt 23, li jgħid hekk:

***"Il-minuti tal-Laqgħa Ġenerali preċendenti ma jinqrawx izda jkunu għad-dispozizzjoni tal-imseħbin sa mhux inqas minn tlett (3) ijiem qabel."***

Jgħid ukoll li l-minuti tas-sena 2019 huma disponibbli fuq il-mejda ġewwa s-sala. Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies preżenti fis-sala mija u tnejn u sittin (162). Jittiehed l-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astenzjonijiet:15**

**Voti Favur:** **147**

Il-Minuti jiġu approvati u jinfetħu l-bibien.

## RAPPORT ANNWALI

Is-Sedja jispjega li l-proċedura se tkun bħal dik ta' snin preċendenti. Ifisser li l-ewwel ser jinqara r-rapport Amministrattiv u mbagħad dak Finanzjarju. Wara kull rapport jittieħed vot. Il-kumplament tar-rapporti se jinqraw skond il-proċedura miktuba fl-Istatut. Wara jissejaħ vot għall-approvazzjoni ta' dawn ir-rapporti.

Is-Sur Piccinino jsejjaħ biex tinfetaħ 'Speakers List' fejn l-istudenti li jixtiequ jagħmlu intervent jistgħu jagħmlu dan meta jkunu mitlubin mis-Sedja, permess tal-mikrofanu li hawn provdut. Is-Sedja tfakkar ukoll li, skont l-Istatut, toffri ħames minuti għall-qari ta' kull rapport u għaldaqstant jitlob għal-kooperazzjoni minn kull membru tal-Eżekuttiv.

### Rapport Amministrattiv

Is-Sedja jistieden lis-Segretarju Ġenerali, is-Sur William Farrugia biex jitla jaqra r-Rapport Amministrattiv għan-nom tal-KSU hekk kif mitlub mill-Istatut.

Is-Sur Piccinino jitlob 'Speakers List' biex tinfetaħ diskussjoni fuq ir-Rapport Amministrattiv. Ma jkun hemm l-ebda intervent.

Jisejjaħ il-vot u jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies preżenti fis-sala mija u tnejn u sittin (162).

**Voti Kontra:** **0**

**Astenzjonijiet:15**

**Voti Favur:** **147**

Ma jkunx hemm l-ebda intervent, għaldaqstant ir-rapport amministrattiv jiġi approvat.
Jinfetħu l -bibien.

**Rapport Finanzjarju**

Is-Sedja titlob lis-Sur Eman Haber, Uffiċjal Finanzjarju sabiex jgħaddi għall-qari tar-rapport Finanzjarju.

L-Uffiċjal Finanzjarju jaqra r-rapport għan-nom tal-KSU hekk kif mitlub mill-Istatut.

Is-Sedja titlob għal 'Speakers List' biex tinfetaħ diskussjoni. Ma jkun hemm l-ebda intervent. Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fis-sala huwa mija ħamsa u erbgħin (145).

**Voti Kontra:** **0**

**Asstenzjonijiet:** **15**

**Voti Favur:** **130**

Ir-Rapport Finanzjarju jiġi approvat. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jgħid li issa se jinqraw ir-rapporti annwali skond l-ordni tal-Istatut kif ġie spjegat qabel. Wara li dawn ir-rapporti jiġu moqrija kollha, se tinfetaħ diskussjoni fejn l-ewwel jittieħdu l-mistoqsijiet kollha mbagħad il-membri tal-Eżekuttiv iwiegbu skond il-qasam. Meta d-diskussjoni tintemm jittieħed vot fuq ir-rapporti en bloc.

Jinqraw ir-Rapporti f'din l-Ordni.

- Rapport tal-President jinqara minn Carla Galea
- Rapport tal- Viċi President jinqara minn Luke Abela
- Rapport tas-Segretarju Ġenerali jinqara minn William Farrugia
- Rapport Finanzjarju jinqara minn Eman Haber
- Rapport tal-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet jinqara minn Joseph Farrugia

Is-Sedja tistieden biex jibdew jinqraw il-kumplament tar-rapporti.

l-ewwel rapport jinqara mill- Uffiċjal Internazzjonali fi ħdan il-KSU Karin Cassar u Clint Vassallo;

It-tieni rapporti jiġu moqrija mill-Uffiċjali tal- Uffiċju tal-Edukazzjoni fi ħdan il-KSU Jean Claude Scicluna u Naomi Attard;

It-tielet rapporti jiġu moqrija mill-Ufficjali tal-Ufficju tal-Politika Soċjali fi ħdan il-KSU Petra Grech u Christian Aquilina;

Ir-raba' u l-aħħar rapporti jigu moqrija mill-Uffiċjali tal-Kultura u Divertiment Matthew John Dougall u Celine Bartolo;

Is-Sedja Michael Piccinino, jirringrazzja lill-membri tal-Eżekuttiv tal-kontirbut tagħħom u jitlob għal 'Speakers List'. Minħabba li ma jkunx hemm mistoqsijiet, is-Sedja titlob sabiex jingħalqu l-bibien u jsejjaħ għal vot fuq ir-Rapporti Annwali.

Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fis-sala mija ħamsa u erbgħin (145).

**Voti Kontra: 0**

**Astezjonijiet: 24**

**Voti Favur: 121**

Ir-Rapporti Annwali jiġu approvati. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sur Piccinino jinforma lil dawk preżenti fis-sala li se jinqara wkoll ir-Rapport tal-Gozo Liaison Officer hekk kif mitlub fil-Laqgħa Ġeneral Annwali 2018. Is-Sinjorina Rachel Galea, President tal-Għaqda Studenteska GUG, taqra r-rapport mħejji.

## ĦATRA TAL-BORD TAD-DIXXIPLINA U TAL-BORD TAL-APPELL

Is-Sedja tispjega li, skont l-Istatut ta' KSU, se jinħatru ħames (5) membri għall-Bord tad-Dixxiplina u zewġ (2) membri oħra bħala riżerva. Għall-Bord tal-Appell jiġu maħtura tliet (3) membri u riżerva waħda (1). Il-vot se jissejaħ fl-aħħar fuq iż-żewg bordijiet. Is-Sedja titlob għan-nominazzjonijiet.

### Bord ta-Dixxiplina:

Jake Scerri Seychell jipproponi lil Carla Galea, Luke Abela, Michael Piccinino, Chiara Vassallo u Sean Ellul, jiġi sekondat minn Keith Grima.

Jake Scerri Seychell sekondat minn Keith Grima jipproponi lil Edward Degabriele u lil Yasmine Ellul bħala riżerva.

L-ebda aktar nominazzjoniet ma' tressqu, b'hekk jibdew in-nominazzjonjiet għal Bord tal-Appell.

### Bord tal-Appell:

Jake Scerri Seychell jinnomina lil Joseph Farrugia, Daniel Vella u Neil Smart Constantino u jigi sekondat minn Keith Grima.

Jake Scerri Seychell jinnomina u jigi sekondat minn Keith Grima lill Chris Grech bħala riżerva.

La darba ma kienx hemm aktar nominazzjoniet, is-Sedja titlob sabiex jingħalqu l-bibien u jissejaħ il-vot. Nies fis-sala mija tnejn u erbgħin (142).

**Voti Kontra: 0**

**Astenzjonijiet:19**

**Voti Favur: 123**

Il-Bord tad-Dixxiplina u tal-Appell jiġu approvati. Jinfetħu l-bibien.

## ĦATRA TAL-AWDITUR

Is-Sedja titlob għal min għandu xi nominazzjoniejiet ghal-ħatra ta' l-Awditur. Is-Sur Eman Haber jinnomina lill-Kumpanija PKF Malta bħala Awdituri għas-sena 2020, huwa jiġi sekondat minn William Farrugia. Ma jkun hemm l-ebda nominazzjoni oħra.

Is-sedja ssejjaħ għal vot. In-numru ta'nies fis-sala mija tnejn u erbgħin. Jingħalqu l-bibien.

**Voti Kontra: 0**

**Astenzjonijiet:15**

**Voti Favur: 127**

Il-Kumpanija PKF Malta jigu maħtura bħala Awdituri għas-sena 2020.

## ĦATRA TAL-AVUKAT

Is-Segretarju Ġenerali William Farrugia, jinnomina lil Avukat Dott. Peter Fenech bħala Avukat fi ħdan il-KSU għas-sena 2020. Jiġi sekondat mill-President Carla Galea.

Is-Sedja ssejjaħ għal vot. Jingħalqu l-bibien. In-numru ta’ nies fis-sala mija tnejn u erbgħin (142).

**Voti Kontra:** **0**

**Astenzjonijiet:15**

**Voti Favur:** **127**

l-Avukat Dott. Peter Fenech jigi kkonfermat.

## ĦATRA TAL-KUMMISSJONI ELETTORALI

Is-Sur Michael Piccinino jispjega li l-ewwel ser jiġi elett il-Kap Kummissarju u wara jinfetħu n-nominazzjonijiet għall-membri tal-Kummisjoni.

Jake Scerri Seychell, President ta’ l-SDM sekondat min Keith Grima jinnomina lil Perit Duncan Muscat bħala Kap Kummissarju.

Ma saret l-ebda nominazzjoni oħra. Il-Perit Muscat jitlob biex joħrog mis-sala sakemm jittieħed il-vot. Is-Sedja tapprova u jitlob biex jingħalqu l-bibien. In-numru ta’ nies fis-sala mija tnejn u erbgħin (142).

**Voti Kontra:** **0**

**Astenzjonijiet:15**

**Voti Favur:** **127**

Il-Kummissarju Elettorali jiġi maħtur. Is-Sur Muscat jista’ jerġa jidħol fis-sala la darba ttieħed il-vot.

Is-Sedja titlob sabiex jiġu nnominati l-membri tal-Kummissjoni Elettorali. Dawn ikunu:

**Kurt Grech** – Nominat minn Jake Scerri Seychell, sekondat minn Keith Grima.

**Beppe Darmanin** - Nominat minn Jake Scerri Seychell, sekondat minn Keith Grima.

**Gayle Lynn Callus** – Nominat minn Jake Scerri Seychell, sekondat minn Keith Grima.

**Andreas D’Anastasi** – Nominat minn Jake Scerri Seychell, sekondat minn Keith Grima.

**Nick Debono** – Nominat minn Jake Scerri Seychell, sekondat minn Keith Grima.

**Luigi Fenech** – Nominat minn Jake Scerri Seychell, sekondat minn Keith Grima.

**Gabriel Camilleri** – Nominat minn Jake Scerri Seychell, skondat minn Keith Grima.

**Matthew Gellel** – Nominat minn Jake Scerri Seychell, sekondat minn Keith Grima.

Ma jsiru l-ebda aktar nominazzjoniet u jissejaħ il-vot. Jingħalqu il-bibien. Numru ta' nies fis-sala mija u erbgħin (140).

**Voti Kontra: 0**

**Astenzjonijiet:29**

**Voti Favur: 111**

Il-Kummissjoni Elettorali tiġi approvata u jinfetħu l-bibien.

## HATRA TAL-PERIT

Carla Galea, President tal-KSU, tinnomina lil Perit Duncan Muscat bħala Perit tal-KSU, u tiġi sekondata minn Luke Abela. Is-Sedja titlob biex jingħalqu l-bibien sabiex jittieħed vot.

In-numru ta' nies fis-sala mija u erbgħin (140).

**Voti Kontra: 0**

**Astenzjonijiet:15**

**Voti Favur: 125**

Il-Perit Duncan Muscat jiġi approvat bħala Perit tal-Kunsill.

## DISKUSSJONI U VOTAZZJONI FUQ IL-MOZZJONIJIET IMRESSQA MILL-EŻEKUTTIV JEW L-IMSIEĦBA.

Is-Sedja tispjega li l-KSU iriċieva numru ta' mozzjonijiet u emendi. Is-Sur Piccinino spjega kif ħa tkun il-proċedura. L-ewwel nibdew billi jinqraw il-mozzjonijiet imressqa, imbagħad nimxu biex il-proponent li huma mill-Eżekkutiv tal-KSU jispjegaw fil-qosor il-ħsieb ta' dawn il-mozzjonijiet u wara tinfetaħ id-diskussjoni. Oriġinalment erba' (4) mozzjonijiet ġew imressqa, imma tnejn (2) minnhom ġew irtirati.

Is-Segretarju Ġenerali fi ħdan il-KSU, is-Sur William Farrugia spjega li dawn ġew irtirati għax kien hemm differenza bejn il-verżjoni bl-Ingliz u l-verzjoni bil-Malti. Huwa qal li l-verzjoni ingliza ha tiġi amendata. Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni.

Is-Sur Piccinino ifakkar ukoll li skond l-Istatut, kwalunkwe tibdiliet fl-Istatut iridu jiġu approvati minn żewġ terzi tal-membri preżenti. F'kaz ta' kontra mozzjoni li tigi ppreżentata għal waħda mill-mozzjonjiet li se jigu diskussi, l-Istatut jitlob li l-ewwel jittieħed l-vot fuq il-kontra mozzjoni, biex tieħu precendenza fuq il-mozzjoni oriġinali, filwaqt li wara dan il-punt jittieħed vot fuq l-emenda statutorja finali. Għaldaqstant, dan il-vot għandu bżonn żewg terzi tal-kamra sabiex jgħaddu.

Is-Sedja tgħaddi biex tibda tipprezenta l-mozzjonijiet. Iz-zewg mozzjonijiet jiġu moqrija u spejgati mis-Sedja.

l-Ewwel mozzjoni proposta minn Carla Galea sekondata minn William Farrugia. Tipproponi mozzjoni f' Sezzjoni 33, Artiklu 33.3.6 ;

*Tgħid hekk:*

*Li jiżdied l-artiklu 33.3.6 li se jaqra " Li jassigura li kull fejn hu possibli, l-aġir tal-KSU għandu jimxi mal-għan li tiġi promossa s-sostenibilita' ambjentali li jinkludi modi alternattivi ta' trasport, tnaqqis ta' skart, zvilupp sostenibbli kif ukoll dak kollu li l-Eżekkutiv jara li huwa relevanti għal dan l-għan".*

It-Tieni mozzjoni proposta minn Carla Galea sekondata minn Luke Abela. Tipproponi mozzjoni f' Sezzjoni 2, Artiklu 2.1.9 ;

*Tgħid hekk:*

*Emenda: L-artiklu li bħalissa jaqra 'Li jħabbar fost l-Istudenti kuxjenza Edukattiva, Soċjali u Kulturali jinbiddel u jsir jaqra ' Li jkabbar fost l-istudenti kuxjenza Edukattiva, Soċjali u Kulturali, kif ukoll tippromwovi s-Sostenibilita' Ambjentali fost l-istudenti.*

Billi l-mozzjonijiet ġew ippreżentati mill-President Carla Galea, is-Sedja jsaqsi lis-Sinjorina Galea jekk tixtieqx tispjega f'aktar dettal il-mozzjonijiet li pproponiet. Carla Galea tirringrazzja lill kulħadd u tibda tispjega li minħabba li din is-sena s-suġġett tat-trasport u s-sostinibilita ambjentali ingħataw ħafna importanza fix-xogħol tal-KSU, l-eżekkutiv jixtiequ li din tiġi miżjuda fl-Istatut u li dan is-suġġett jibqa' jieħu ħsiebu l-President tal-Kunsill.

Is-Sedja tiftaħ 'Speakers List', ma jkun hemm l-ebda intervent.

Jingħalqu l-bibien u jissejaħ il-vot. Nies fis-sala mija tlieta u tletin (133).

**Voti kontra:** **0**

**Astenzjonijiet:15**

**Voti Favur:** **118**

Il-mozzjonijiet jiġu approvati: Jinfetħu l-bibien.

## NOMINAZZJONIJIET U PREŻENTAZZJONI TAL-KANDIDATI TAL-EŻEKKUTIV IL-ĠDID.

Is-Sedja titlob lis-Segretarju Ġenerali William Farrugia sabiex jgħaddi n-nominazzjonijiet li waslu fi ħdan il-KSU. Is-Sedja jispjega li skont l-Istatut, in-nominazzjonijiet kellhom jingħataw sa Tnejn 1 ta' April. Huwa jgħid li kienu irċevew tnax (12) in-nominazzjoni. Is-sedja informa lill dawk preżenti ukoll li n-nominazzjoni tas-Sur Eucharist Bajada ġiet irtirata. Is-Sedja taqra l-ittra tas-Sur Bajada fejn spjega r-raġuni ta' l-irtirar tiegħu.

*" Good morning, I have always seen the KSU election as an opportunity to work for unity among students. This election should not be about red and blue but rather a debate on ideas. This is why I offered to stand as an independent and do my part. Regrettably, however, over the past week I have seen that partisan divisions have too strong a hold on campus and for some, the decision whether to run or not is not based on what they have to offer, but on partisan considerations. For this reason, it is with great regret that I have decided to withdraw my nomination for the KSU election and hope to contribute in another manner. Thank you, Kris Bajada ".*

Is-Sedja isaqsi lis-Sur Eucharist Bajada li kien preżenti fis-sala jekk jixtieqx jgħaddi xi kummenti. Is-Sur Bajada ma kellu l-ebda kumment li xtaq jgħaddi. B'hekk is-Sedja tikkonferma li daħħlu ħdax (11) in-nominazzjonijiet.

Jibdew jinqraw il-kumplament tan-nominazzjonijiet li daħlu mis-Sedja:

**Kandidati għal-Għaqda SDM**

President- William Farrugia – Propost minn Jake Scerri Seychell, sekondat minn Carla Galea.

Viċi President – Celine Bartolo – Proposta minn Kimberly Riolo, sekondata minn Sarah Ebejer.

Segretarju Ġenerali – Christian Aquilina – Propost minn Jordan Caruana, sekondat minn James Wilford Caruana.

Uffiċjal Finanzjarju – Eman Haber – Propost minn Ian Patrick Calafato, sekondat minn Sarah Ebejer.

Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Thomas Mifsud – Propost minn Isaiah Riolo, sekondat minn Adam Micallef.

Ufficjal Internazzjonali – Naomi Attard – Proposta minn Kimberly Riolo, sekondata minn Michael Piccinino.

Koordinatur Internazzjonali – May Hefny – Proposta minn Mariah Zammit, sekondata minn Owen Cuschieri.

Koordinatur Politika Soċjali – Naomi Deguara – Proposta minn Jael Deguara, sekondata minn Edward Degabriele.

Koordinatur Edukazzjoni – Matthew Xuereb – Propost minn Glenn Briffa, sekondat minn Gaetano Bugelli.

Koordinatur Kultura u Divertiment – Matthew Gauci – Propost minn Henri Farrugia, sekondat minn Jake Bartolo.

Uffiċjal Kultura u Divertiment – Julia Cini – Proposta minn Edward Degabriele, sekondata minn Hannah Grech Pirotta.

Is-Sedja tistieden lill kull nominat biex jagħmel id-diskors tiegħu,. In-nominati ser jigu msejħa skond l-Istatut.

Jibda **William Farrugia**, bħala President;

Isegwu **Celine Bartolo** bħala Viċi President;

**Christian Aquilina** bħala Segretarju Ġenerali;

**Eman Haber** bħala Uffiċjal Finanzjarju;

**Thomas Mifsud** bħala Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi;

**Naomi Attard** bħala Uffiċjal Internazzjonali;

**May Hefny** bħala Koordinatur Internazzjonali;

**Matthew Xuereb** bħala Uffiċjal Edukazzjoni;

**Naomi Deguara,** bħala Uffiċjal għal Politika Soċjali;

**Julia Cini** bħala Uffiċjal għal Kultura u Divertiment;

**Matthew Gauci** bħala koordinatur Kultura u Divertiment;

Wara li ngħataw id-diskorsi kollha, is-Sedja jirringrazja lill-Kandidati kollha u ssaqsi jekk hemmx xi oggezzjonijiet. L-ebda oggezzjoni ma tiġi ppreżentata u għalhekk s-Sedja jinforma li ħa jittieħed vot ta' fiduċja.

Jingħalqu l-bibien, nies fis-sala mija sitta u għoxrin (126).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra** | **0** |
| **Astenzzjonijiet:** | **25** |
| **Voti Favur:** | **101** |

In-nominati kollha jiġu approvati u eletti. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jinfforma lill-dawk preżenti li l-Laqgħa Ġenerali Annwali ġiet fi tmiema u jixtieq jirringrazzja personall lill dawk kollha li attendew għal din il-laqgħa u spejga li bil-prezenza tagħna nuru l-interess fix-xogħol li jagħmel il-KSU. Jirringrazzja lill-Eżekuttiv prezenti tal-KSU u dawk li ha jilħqu fil-Kumitat l-ġdid.

**Il-Laqgħa Ġenerali tintemm fil- 14:43 pm.**